# Rekords ġodda ta' għasafar li qed ibejtu fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta

**Fras-servjenti li faqqsu fl-2013 jirritornaw fir-riserva tal-Għadira biex ibejtu u jkabbru l-frieħ tagħhom. Osservati wkoll għall-ewwel darba madwar ir-riserva frieħ tal-Isturnell**

BirdLife Malta qed tiċċelebra numru ta' rekords ġodda ta' għasafar li qed ibejtu fir-riservi tagħha, fosthom ir-rekord ġdid ta' Fras-servjenti (Black-winged Stilts) li din is-sena bejtu fir-Riserva Naturali tal-Għadira minn meta ġiet osservata l-ewwel preżenza ta' dan l-għasfur fl-2008.

Din hija speċi meqjusa bħala *flagship* għal Malta li tbejjet esklussivament fir-riservi naturali mmexxija minn BirdLife Malta.

Din is-sena, fl-Għadira ġew osservati jbejtu b'suċċess tliet pari ta' Fras-servjenti, b'kull par ikollu erbat ifrieħ, u bil-bajd tal-aħħar wieħed ifaqqas fl-aħħar ġimgħat. Apparti li dan is-suċċess huwa rekord fih innifsu għax qatt qabel ma kienu rreġistrati tliet pari ta' Fras-servjenti jbejtu f'daqqa fl-Għadira, suċċess ieħor hu l-fatt li tnejn mill-Fras-servjenti li bejtu din is-sena huma frieħ li qed jirritornaw fl-Għadira wara li twieldu f'din ir-riserva fl-2013. Dan juri s-suċċess u l-importanza tar-*ringing* u l-monitoraġġ ta' dawn l-għasafar.

Fil-fatt, l-informazzjoni dwar dawn il-Fras-servjenti li issa rritornaw fl-Għadira biex ikabbru l-frieħ tagħhom hi magħrufa grazzi għall-iskema tal-*bird ringing.* Dawn l-għasafar kien twaħħlilhom ċurkett fl-2013. Wieħed minnhom, raġel, kien diġà reġa' żar ir-riserva sena wara, fl-2014. Waqt li l-għasfur l-ieħor huwa mara li kienet osservata għall-ewwel darba din is-sena. Ta' min isemmi li l-Fras-servjent bejjet ukoll b'suċċess fir-Riserva Naturali tas-Simar ftit tas-snin ilu.

Speċi oħra li qed tikser ir-rekords fl-Għadira huwa l-Isturnell (Common Starling), b'mill-inqas ħames adulti ġew osservati jieklu u jistrieħu fir-riserva. Il-konferma li anke din l-ispeċi qed tbejjet fil-viċinanzi toħroġ mill-fatt li ftit tal-jiem ilu

jakkumpanja lil dawn l-adulti kien osservat ukoll ferħ. Dan jindika li l-Isturnell bejjet għall-ewwel darba fil-viċinanzi tar-riserva.
Apparti l-Fras-servjent u l-Isturnell, fl-istess riserva kienu osservati wkoll bejn tliet u erba' pari ta' Monakelli (Little Ringed Plovers) li kellhom sa erbat ifrieħ kull wieħed u bħalissa reġgħu qegħdin isaħħnu l-bajd. Dawn l-għasafar żgħar li jintgħarfu faċilment mill-fattizzi distintivi tagħhom huma speċi komuni tal-passa, u jbejtu fix-xhur bejn Marzu u Awwissu.
Fir-Riserva Naturali tal-Għadira ġew osservati wkoll diversi speċi oħrajn bħall-Merill (Blue Rock Trush) u l-Ġaħġaħ (Tree Sparrow) li għalkemm ibejtu barra, jiġu jfittxu l-ikel fir-riserva.
Fl-aħħar nett, fir-Riserva Naturali tas-Simar – li wkoll hi mmexxija minn BirdLife Malta – din is-sena ġew osservati anke erba' pari tal-Bufula tal-Qasab (Reed Warbler) li wkoll qed tbejjet f'din ir-riserva.
Fl-istess riserva, aktar kmieni din is-sena bejtet it-Tiġieġa tal-Baħar (Common Coot) u bejtu wkoll għadd ta' speċi oħra bħall-Gallozz Iswed (Moorhen), il-Bufula tal-Imrewħa (Zitting Cisticola), il-Bufula tal-Għollieq (Cetti's Warbler) u l-Bufula Sewda (Sardinian Warbler).
Ir-Reserves Manager ta' BirdLife Malta Mark Gauci kkummenta li dan kollu juri li jekk ikollhom l-aħjar ħabitat u jingħataw il-ħarsien adegwat, l-għasafar ibejtu f'Malta u r-riservi naturali mmexxija minn BirdLife Malta qed ikunu xhieda ta' dan sena wara l-oħra. "Inħarsu 'l quddiem lejn aktar ħidma fil-qasam tal-immaniġġjar u r-restawr tal-ħabitat bl-iskop li nattiraw aktar speċi ta' għasafar li jiġu jbejtu f'Malta," sostna Gauci.
**Ara l-lista mehmuża tal-ispeċi ta' għasafar li qed ibejtu fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta fl-2016.**

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti jistgħu jitniżżlu minn: https://we.tl/ECUBCGCdjK**
*(Ir-ritratti huma ta' Aron Tanti u ttieħdu kollha fir-riservi naturali ta' BirdLife Malta)*

- 1-7 Għażla ta' ritratti tal-Fras-servjenti (adulti u frieħ)
- 8 Sturnell (ferħ)
- 9-10 Monakelli
- 11 Bufula tal-Qasab
- 12 Bufula Sewda
- 13-14 Gallozz Iswed u l-bejta tiegħu
- 15 Tiġieġa tal-Baħar

Biex issir membru ta' BirdLife Malta:
http://birdlifemalta.org/become-member/

Biex tgħin lil BirdLife Malta b'donazzjoni:
http://birdlifemalta.org/donate/